MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 550/2009

**Emanuel *sive* Leli Bezzina**

**-vs-**

**Lisa Pace drabi oħra magħrufa bħala Lisa Grima**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-attur huma proprjetarji tal-fond bin-numru 116, *"All For Nothing",* Flat 1, fi Triq Guze' Pace, Hamrun, Malta, liema fond huwa mikri lill-konvenuta Lisa Grima *ai termini* ta' skrittura ta' kera magħmula bejn il-kontendenti fl-1 ta' Jannar 2009.

2. Illi l-ftehim msemmi, fil-klawsola erbgħa (4) tiegħu, maqbul bejn l-istess kontendenti, jgħid ċar u

espressament illi l-intimata trid tħallas tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar u trid tħallas ukoll id-dawl u l-ilma.

3. Illi l-klawsola disa' (9) ta' l-istess ftehim imbagħad jgħid b'mod ċar u espress ukoll illi jekk l-intimata ma tħallasx il-kera kull xahar bil-quddiem, triq titlaq mill-*flat* u tirritorna ċ-ċwievet lura lir-rikorrenti.

4. Illi l-aħħar ħlas effettwat mill-konvenuta lir-rikorrenti tal-kera kien għax-xahar ta' Frar 2009, b'dan illi l-intimata hija moruża fil-ħlas ta' erba' xhur kera konsekuttivi, *ossia* għall-iskadenzi tax-xhur ta' Marzu, April, Mejju u Ġunju 2009.

5. Illi sal-lum, il-konvenuta għadha moruża fil-ħlas tal-kera ta' erba' xhur konsekuttivi, ammontanti għas-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1,200), anke jekk ġiet interpellata sabiex tħallas permezz ta' ittra ġudizzjarja numru 2780/09 tal-20 ta' Mejju 2009, għal-liema ittra baqgħet inadempjenti anke jekk hija ġiet debitament notifikata u mgħarrfa illi jekk ma tħallasx kienu se jiġu inizjalati proċeduri ta' żgumbrament kontra tagħha.

Għaldaqstant l-attur, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza *ai termini* ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tordna illi l-konvenuta għandha tiżgombra mill-fond 116, *"All For Nothing"*, Flat 1, fi Triq Guze' Pace, Ħamrun fi żmien qasir u perentorju stabbilit, u dan prevja d-dikjarazzjoni illi *ai termini* tal-klawsola 9 tal-kuntratt ta' kera bejn il-kontendenti, l-attur kien intitolat jitlob it-terminazzjoni tal-ftehim lokatizju.

3. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) rappreżentanti arretrati ta' kera mhux imħallsa mill-istess konvenuti kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Mejju 2009 (2780/09), kontra l-intimata, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni u bir-riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lil konvenuta u d-difensur ta' l-attur;

Peress illi t-talba attriċi tidher li hija ġustifikata;

**Tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi; u għall-finijiet tat-tieni talba tiprefiġġi terminu ta' tlett xhur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------